

Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16644/24

TELECOM 375
CYBER 368
COMPET 1198
MI 1015

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

| | |
|------------------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15861/24 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet dwar il-White Paper "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Diċembru 2024) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-White Paper "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?", kif approvati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2024.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-White Paper "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fid-Direttiva (KE) 2002/58 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika),
- Fir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 612/2022 dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni,
- Fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),
- Fl-Avviż tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2016 dwar il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- Fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi,
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta tas-16 ta' Diċembru 2020: L-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali,
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2020 dwar is-swieq rilevanti tal-prodotti u tas-servizzi fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika suxxettibbli għal regolamentazzjoni ex ante f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi,

- Fid-dikjarazzjoni tad-19 ta' Marzu 2021 dwar "Portali tad-Data Ewropej bħala element ewlieni tad-Deċennju Diġitali tal-UE",
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-1 ta' Diċembru 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment - Il-Portal Globali,
- Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ġhajna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) tat-30 ta' Diċembru 2021,
- Fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tas-26 ta' Jannar 2022,
- Fis-Sejħa ta' Nevers tad-9 ta' Marzu 2022 biex Jissaħħu l-Kapaċitajiet ta' Ċibersigurtà tal-UE,
- Fid-Dikjarazzjoni ta' Ġunju 2022 "Is-Sejħa ta' Toulouse għal Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali fl-UE",
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha biex tissaħħa ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika,
- Fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2),
- Fid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE,
- Fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali,
- Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2023 - Linji gwida dwar l-ġhajna mill-Istat għan-networks tal-broadband,
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Ġunju 2023 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-Trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali tad-29 ta' Settembru 2023,

- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar oqsma kritiċi tat-teknoloġija għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri,
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2023,
- Fil-White Paper tal-Kummissjoni dwar "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?" tal-21 ta' Frar 2024,
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2024 dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini,
- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2024 dwar Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni Koordinata għat-tranżizzjoni lejn il-Kriptografija Postkwantistika,
- Fir-Regolament (UE) 2024/1309 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits),
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2024 dwar il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE,
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2024 dwar industrija Ewropea kompetittiva li tmexxi l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna,

1. JIRRIKONOXXI l-effetti pożittivi tal-konverġenza diġitali li toffri varjetà wiesgħa ta' servizzi ġodda lill-utenti finali, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet pubbliċi bl-istess mod u JAGĦRAF li hemm dinamiċi ġodda importanti li jaffettwaw l-infrastrutturi diġitali.
2. JIRRIKONOXXI l-bidliet estensivi li qed isawru x-xenarju tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika u li huma ta' rilevanza kritika għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, il-kompetittività globali u s-sigurtà nazzjonali. Dawn it-trasformazzjonijiet kienu xprunati minn avvanzi teknoloġiċi notevoli, bħall-cloud u l-edge computing, il-virtwalizzazzjoni tal-funzjonijiet tan-networks, u d-domanda għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data; JAGĦRAF li huma meħtieġa investimenti sinifikanti, b'mod partikolari mis-settur privat, għal tali trasformazzjonijiet biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali fil-qasam tal-infrastrutturi diġitali, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fost l-Istati Membri.
3. JILQA' l-għanijiet tal-Kummissjoni li trawwem l-innovazzjoni, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi diġitali biex jiġu sfruttati aktar benefiċċji tal-potenzjal tas-Suq Uniku fis-settur diġitali; JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ekosistema diġitali li tipprovdi opportunitajiet akbar għall-kumpaniji biex jistabbilixxu u jintroduċu infrastrutturi diġitali, inkluż cloud periferika, u jipprovdu servizzi relatati.
4. JENFASIZZA li infrastrutturi diġitali ta' kwalità għolja, avvanzati, siguri, reżiljenti u sostenibbli huma kruċjali għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, u approċċ politiku li jħares 'il quddiem li jiffaċilita l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' tali infrastrutturi, inkluż teknoloġiji mobbli tal-ġenerazzjoni li jmiss, huwa essenzjali biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi stabbiliti mill-kompetizzjoni globali.
5. JAGĦRAF li t-tranżizzjoni diġitali għandha natura transsettorjali, u għandha impatt mhux biss fuq is-settur tal-komunikazzjoni elettronika, iżda fuq setturi oħra, bħat-trasport, l-enerġija, l-agrikoltura u l-kura tas-saħħa, u hija kruċjali għas-soċjetà kollha kemm hi.

6. JENFASIZZA li s-salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u tal-klijenti kummerċjali madwar l-UE għandha tkun fuq quddiem nett ta' kwalunkwe proposta u inizjattiva li jkollha impatt fuq id-drittijiet, l-obbligi u l-benefiċċji tal-utenti finali flimkien mal-objettivi li jippermettu d-diġitalizzazzjoni tan-negozji tal-UE.
7. JILQA' l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni fil-White Paper li tirrieżamina l-istrumenti finanzjarji rilevanti biex jinkisbu infrastrutturi diġitali li jissodisfaw id-domandi tal-klijenti fil-ġeografiji differenti kollha u li tagħmilha possibbli li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn id-diversi programmi ta' finanzjament u li l-fondi jitħalltu għall-ħtiġijiet ta' investment, fejn xieraq u f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
8. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu analizzati aktar l-isfidi li jirriżultaw minn bidliet teknoloġiċi emerġenti, li wħud minnhom huma deskritti fil-White Paper. Għaldaqstant, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tesplora l-aħħar żviluppi, tikkunsidra soluzzjonijiet li jibqgħu validi fil-futur, u tibbaża kwalunkwe inizjattiva possibbli fuq l-evidenza filwaqt li żżomm f'moħħha l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u tinżamm kompetizzjoni effettiva biex jiġi promoss il-benesseri tal-konsumaturi u jiġu inkentivati l-investimenti. Dan jeħtieġ ambjent ta' politika favorevoli għall-innovazzjoni mingħajr ma jiġu antiċipati ċerti eżiti tas-suq.
9. JINSISTI fuq il-ħtieġa għal konsistenza mal-objettivi tal-miżuri regolatorji eżistenti u JENFASIZZA l-importanza tal-prevedibbiltà regolatorja permezz ta' implimentazzjoni effettiva sabiex tkompli tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE u jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali.

10. JISĦAQ li r-regolamentazzjoni tas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandha tindirizza b'mod proporzjonat kemm il-provvista kif ukoll id-domanda, inkluż l-affordabbiltà, il-libertà tal-għażla, is-sigurtà, u l-kwalità tas-servizzi għall-konsumaturi u n-negozji permezz, fost l-oħrajn, tal-kompetizzjoni. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tinvestiga l-mezzi biex tistimula d-domanda għal networks u servizzi diġitali avvanzati, u biex tippermetti mudelli ta' negozju innovattivi u sostenibbli għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-UE kif ukoll tan-negozji, inkluż għall-operaturi tat-telefonija mobbli, bil-ħsieb li tittejjeb il-konnettività transfruntiera.
11. JENFASIZZA li l-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tan-newtralità teknoloġika għandhom jiġu riflessi fl-inizjattivi kollha fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' mudell ta' governanza ċar u strutturat li jibni fuq l-istrutturi ta' governanza eżistenti, l-esperjenzi nazzjonali rilevanti u l-evoluzzjoni dinamika tal-ekosistema diġitali.
12. JAGĦRAF li huma meħtieġa investimenti sinifikanti biex jintlaħqu l-miri stabbiliti taħt il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis ukoll ostakli kritiċi oħra li jfixxlu l-iżvilupp tal-infrastruttura, bħal piżijiet amministrattivi, nuqqas ta' domanda, skarsezza ta' kapaċitajiet ta' kostruzzjoni jew riskju ta' użu baxx ta' networks, speċjalment f'żoni rurali.
13. JAPPELLA għal definizzjoni aktar ċara u użu konsistenti tal-kunċetti ta' cloudifikazzjoni u virtwalizzazzjoni billi jiġu promossi esplorazzjoni u analiżi bir-reqqa tad-diversi saffi li jikkostitwixxu l-infrastruttura relatata. Din is-sejħa tissottolinja l-importanza li jiġu definiti dawn il-kunċetti fundamentali biex jittejjeb il-fehim fir-rigward tas-saffi tal-infrastruttura tagħhom.

14. JINNOTA l-evalwazzjoni tal-istatus attwali tas-suq tal-komunikazzjoni elettronika, deskritta fil-White Paper kif ukoll fir-rapporti Letta u Draghi. JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata ta' kwalunkwe proposta fir-rigward tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fid-dawl tal-promozzjoni tal-investimenti, u l-prinċipji ġenerali tal-UE tal-kompetittività, il-kompetizzjoni u l-benesseri tal-konsumaturi. IFAKKAR li kwalunkwe proposta leġiżlattiva futura teħtieġ valutazzjoni tal-impatt soda.
15. JINNOTA l-konsiderazzjonijiet fil-White Paper dwar il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, iżda JQIS li din teħtieġ analiżi ulterjuri dwar jekk u sa liema punt l-atturi ta' ekosistema konverġenti jistgħu jaqgħu taħt l-istess regoli applikabbi. JISĦAQ fuq l-importanza tan-newtralita tal-internet u ta' ekosistema tal-internet li tiffunzjona, u l-liberta kuntrattwali għandha tiġi rispettata bħala wieħed mill-prinċipji primarji, filwaqt li l-intervent regulatorju jinżamm flivell minimu.
16. JIEĦU KONT tal-aspetti tas-sigurtà nazzjonali tal-infrastrutturi kritiċi tas-sistemi tal-komunikazzjoni elettronika. JINNOTA li l-mistoqsijiet relatati mal-privatezza tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid biex jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u bil-ħsieb li tiġi żgurata b'mod effettiv il-kunfidenzjalita tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. IQIS li l-implimentazzjoni ta' qafas ta' privatezza konsistenti hija kruċjali biex tiġi żgurata ekosistema diġitali ġusta, kompetittiva u dinamika.
17. JENFASIZZA li x-xenarju Ewropew attwali tal-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa r-riżultat ta' ċirkostanzi storiici u ġeografiċi, li għandu jitqies meta jitwettqu azzjonijiet biex tizzied il-kompetittività b'mod effettiv.
18. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-industrija tiġi diġitalizzata aktar sabiex tiġi inċentivata l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati. JISĦAQ li d-disponibbiltà ta' konnettività ta' kwalita għolja, affordabbli, affidabbli, sostenibbli, aċċessibbli, miftuħa, sigura u affidabbli hija ta' importanza kbira ghaç-çittadini kollha fl-UE u li n-negozji u ç-çittadini tal-UE għandhom jibbenefikaw bl-istess mod mid-diġitalizzazzjoni.

19. JISĦAQ li s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jikkwalifikaw bħala servizz universali għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini kollha fl-UE jkollhom aċċess għal konnettività adegwata ta' kwalità, affidabbli u affordabbli li hija neċessarja għall-parteċipazzjoni soċjali u ekonomika fis-soċjetà.

Il-bini tal-kapaċità, l-innovazzjoni u l-kapaċitajiet teknoloġiċi

20. IFAKKAR fil-ħtieġa li l-Ewropa tibni fuq il-bażi solida tagħha ta' riċerka u innovazzjoni fil-katina tal-valur diġitali. Minħabba x-xejra lejn applikazzjonijiet dejjem aktar kritiċi, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura mid-disinn għandhom ikunu meħtieġa. JENFASIZZA li t-trasferiment tal-għarfien mir-riċerka u l-innovazzjoni lejn applikazzjonijiet industrijali jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi appoġġat.

21. JIKKONDIVIDI L-FEHMA li t-trasformazzjoni tal-industrija tal-konnettività tal-UE teħtieġ kapaċitajiet ta' investiment sinifikanti. Għaldaqstant, u mingħajr ma jiġu antiċipati n-negożjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament tal-UE għandhom iqisu l-progress teknoloġiku u l-użu mifrux tal-applikazzjonijiet tal-IA. JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem akbar ta' Orizzont Ewropa, InvestEU, il-Programm Ewropa Diġitali (DEP), u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kif ukoll tal-attivitajiet ta' R&I tal-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti.

22. IFAKKAR li l-IPCEIs, speċjalment l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li jmiss (IPCEI CIS) u t-tieni IPCEI dwar il-Mikroelettronika u Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (IPCEI ME/CT), għandhom il-potenzjal li jifflu investimenti privati addizzjonali, u JIRRIKONOXXI li l-Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew (CPEI) jistgħu jwasslu għal effetti simili.

23. JENFASIZZA li meta jiġu stabbiliti proġetti pilota fuq skala kbira, il-parteċipazzjoni ta' atturi Ewropej iżgħar fil-konsorzji għandha tiġi inċentivata. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal programmi transsettorjali biex tingħata spinta lill-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda billi jiġu rikonnoxxuti l-opportunitajiet li t-teknoloġiji tal-konnettività joffru lil setturi oħra. JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-SMEs fl-iżvilupp tal-ekosistema tal-UE u l-importanza li jinħoloq ambjent fejn jistgħu jiżviluppaw u jikbru. IQIS l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħala sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali 2030.

Inlestu s-Suq Uniku Diġitali

24. JISĦAQ li l-importanza taċ-ċertezza legali u l-implimentazzjoni tal-atti leġislattivi adottati, inkluż iżda mhux limitat għall-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits. JISSOTTOLINJA li kwalunkwe miżura regolatorja futura biex jitrawwem l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali għandu jkollha wkoll l-għan li tippromwovi l-konnettività u l-innovazzjoni, trawwem il-kompetizzjoni, u għandha tikkontribwixxi għall-benesseri tal-konsumatur, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' reżiljenza ċibernetika u ta' ċibersigurtà.

25. JIRRIKONOXXI li l-konnettività u l-informatika qed jikkonverġu, u atturi minn segmenti differenti tal-katina tal-valur jaħdmu l-aħjar flimkien meta jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Madankollu, dan mhux neċessarjament jimplika li l-istess regolamenti għandhom japplikaw għalihom, peress li dan jiddependi fuq l-attivitajiet tagħhom tul il-katina tal-valur. JAPPELLA lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kompetizzjoni effettiva hijiex imxekkla u ttipponi soluzzjonijiet possibbli fejn meħtieġ u xieraq, inkluż biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

26. JINNOTA li d-diżattivazzjoni tar-ram tista' titwettaq gradwalment biex tappoġġa l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-kisba tal-miri tad-Deċennju Diġitali, iżda JISĦAQ li għandhom jitqiesu l-ispeċifiċitajiet, il-kompetizzjoni u l-benesseri tal-konsumatur tal-Istati Membri. B'mod partikolari, fil-kuntest tal-migrazzjoni mir-ram għall-fibra, il-kompetizzjoni u d-drittijiet tal-utenti finali għandhom jiġu salvagwardjati.
27. JAGĦRAF li s-settur diġitali bħalissa jikkonsma ammonti sinifikanti ta' enerġija u jipproduċi l-e-skart. JINNOTA li n-networks tal-fibra ottika jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu wħud mill-miri ambjentali tal-UE billi jiżguraw effiċjenza enerġetika aħjar tan-networks u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali ta' setturi oħra. JISĦAQ, madankollu, li l-introduzzjoni tal-fibra m'għandhiex tibqa' l-unika għodda għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur diġitali sabiex ikun hemm allinjament mal-miri klimatiċi tal-UE. JAPPELLA għal soluzzjonijiet li jistgħu jiġu implimentati faċilment f'dak ir-rigward, inkluż tekniki aktar effiċjenti fl-użu tan-networks diġitali. Barra minn hekk, JINNOTA li t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tassonomija tal-UE għall-investment ekoloġiku fin-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jista' jgħodq inċentivi biex jiġu attirati investimenti meħtieġa biex jiġu introdotti networks aktar ambjentalment sostenibbli (bħall-fibra, il-5G u fil-futur, is-6G).
28. JENFASIZZA li jeħtieġ li tinżamm il-possibbiltà ta' kontroll ex ante fuq ċerti swieq ta' aċċess. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex telabora aktar dwar l-impatt potenzjali f'termini ta' kompetizzjoni u benessere tal-konsumatur li wieħed jiddependi biss fuq kontroll ex post għal komunikazzjonijiet elettroniċi f'ċerti ċirkostanzi. L-intervent ibbażat fuq regolamentazzjoni ex ante għandu jibqa' bbażat fuq is-sejba ta' nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva mill-ARN, mingħajr ebda preġudizzju għall-għadd ta' networks li jikkompetu f'suq partikolari. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri.
29. JINNOTA l-funzjonament tajjeb tas-suq tal-interkonnnessjoni tal-Protokoll tal-Internet (IP) fl-UE u JAGĦRAF l-esperjenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fit-trattament ta' kwistjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim. F'każ ta' nuqqasijiet futuri ta' dan is-suq, JISĦAQ fuq l-importanza ta' analiżi komprensiva u bir-reqqa u valutazzjoni tal-impatt bħala bażi għal kwalunkwe inizjattiva ta' mitigazzjoni, inkluż mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim. Kwalunkwe miżura potenzjali għandha tkun konformi mal-prinċipji tal-internet miftuħ.

30. JENFASIZZA li l-kompetizzjoni effettiva fiha nnifisha tikkontribwixxi għall-kwalità tas-servizz, l-għażla, l-innovazzjoni u l-benefiċċji għall-konsumaturi. Fil-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-għotjiet tal-ispettru jinfluwenzaw l-istruttura tas-suq u d-dinamika tal-kompetizzjoni. Proċeduri ta' għażla simultanji jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jkollhom l-effett negattiv li jillimitaw il-kompetizzjoni u jippenalizzaw operatori iżgħar li jikkompetu fi swieq nazzjonali jew subnazzjonali. JIRRIKONOXXI li fil-każ ta' servizzi li huma potenzjalment transfruntiera u tranżnazzjonali, bħas-servizzi satellitari, il-koordinazzjoni msaħħa tal-proċeduri u l-kundizzjonijiet tista' tiġi eżaminata fid-dawl tar-regolamentazzjoni eżistenti u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali.
31. JINNOTA li għestjoni effettiva tal-ispettru għandha tindirizza d-domanda u l-isfidi emerġenti li jirriżultaw mill-iżviluppi moderni tan-network bla fili kif ukoll minn kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi. JINNOTA li d-deċiżjonijiet regolatorji jeħtieġ li jqisu l-ħtiġijiet tas-soċjetà, l-iżvilupp teknoloġiku, id-domanda u l-aspetti ambjentali. JIRRIKONOXXI li l-mekkaniżmu attwali ta' evalwazzjoni bejn il-pari wera li huwa siewi u li l-proposti li jfittxu li jtejbju l-effiċjenza u l-konsistenza tiegħu ma għandhomx joħolqu dewmien għall-għotjiet tal-ispettru u t-tnedija tal-5G, u piżijiet amministrattivi żejda.
32. JINNOTA li l-armonizzazzjoni tal-ispettru teknoloġikament newtrali fl-UE tiffaċilita l-iżviluppi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u kundizzjonijiet ta' investiment favorevoli. JIRRIKONOXXI li l-kooperazzjoni attwali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u fi ħdan il-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT) taħdem tajjeb. JAPPOĠĠA ż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' governanza trasparenti eżistenti sabiex jiġu ssimplifikati l-politiki tal-UE. JENFASIZZA li d-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-politika tal-ispettru tar-radju, b'mod partikolari fir-rigward ta' soluzzjonijiet ta' liċenzjar, għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien espert ta' korpi rilevanti bħall-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG) u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC).

33. JIRRIKONOXXI li l-ġestjoni tal-ispettru tibqa' għodda ewlenija tal-politika pubblika għall-Istati Membri u JENFASIZZA s-sinifikat sostnut tal-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri f'dak ir-rigward. JINNOTA l-għadd ta' każijiet ta' ndħil transfruntier minn pajjiżi terzi, li jinneċessita fokus akbar u sforzi ta' mitigazzjoni aktar robusti. Sforzi bħal dawn għandhom jinkludu appoġġ lill-Istat Membru fuq talba, kull meta l-koordinazzjoni tal-ispettru ma' pajjiżi terzi taqa' lil hinn minn kwistjonijiet purament tekniċi. Barra minn hekk, JAGĦRAF l-għadd dejjem jikber ta' interferenzi tas-Servizzi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita, li, fost l-oħrajn, jistgħu jwasslu għal riskji sinifikanti għas-sikurezza, u JISĦAQ fuq l-ħtieġa li tittieħed azzjoni konġunta fil-fora internazzjonali rilevanti.
34. JILQA' l-impenn ġenerali għall-ekoloġizzazzjoni tan-networks diġitali u JAPPELLA lill-atturi kollha tal-ekosistema diġitali biex jimmiraw li jimminimizzaw l-impronta ambjentali tagħhom. JAGĦRAF l-importanza tal-akkoppjament tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis li tipproponi mira dwar id-diġitalizzazzjoni ekoloġika fil-kuntest tar-rieżami tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, abbażi ta' metodoloġija ta' monitoraġġ maqbula. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu stabbiliti għodod komuni għall-kejl tal-impatt ambjentali tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex jiġu vvalutati l-iżviluppi b'mod effiċjenti.
35. JILQA' l-oġettiv li jiġu ssimplifikati r-regoli applikabbli relatati mal-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni kollha sabiex tiġi ffaċilitat l-operat transfruntier; JINNOTA li l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-"pajjiż tal-orijini" għar-regoli relatati mal-awtorizzazzjoni għan-networks ewlenin u l-fornituri tas-servizzi tan-network ewleni teħtieġ aktar analiżi dettaljata, inkluż l-istabbiliment ta' definizzjonijiet rilevanti u valutazzjoni tax-xejriet tas-suq, u ma għandhiex tinterferixxi mal-kompetenzi u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar tal-liġi, u r-responsabbiltà unika tagħhom fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali. JENFASIZZA r-riskju li jitteġġu prattiki bħal "forum shopping", li jistgħu joħolqu sfidi għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, iwasslu għal kunflitti ġurisdizzjonali u jipperikolaw il-protezzjoni tal-utent finali.

36. JISSOTTOLINJA li l-White Paper issemmi l-ħolqien ta' operaturi pan-Ewropej mingħajr ma jitqies l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni tas-swieq tal-Istati Membri individwali u l-operaturi li ma jistgħux joperaw fuq skala pan-Ewropea. JISĦAQ li l-operaturi ta' kull daqs għandu jkollhom opportunitajiet ta' negozju fis-suq uniku u jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni effettiva u jikkontribwixxu għaliha. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tinvestiga sa liema punt l-opportunitajiet għall-operat transfruntier u l-forniment ta' servizzi jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ta' investment identifikati fil-White Paper fil-livell Ewropew, iżda wkoll kif strumenti oħra (bħal kontroll ex post jew miżuri ta' politika industrijali) jistgħu jstimulaw l-investimenti fis-settur tal-komunikazzjoni diġitali/elettronika tal-UE u x'ikun l-impatt fuq il-benessri tal-konsumatur.
37. JISSOTTOLINJA li l-konsolidazzjoni għandha tiġi vvalutata mill-awtoritajiet rilevanti filwaqt li jitqies l-impatt potenzjali tagħha biex tinżamm u tiġi żviluppata kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti. Il-konsolidazzjoni awtorizzata mmexxija mis-suq tista', sakemm ikun hemm kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti, toħloq ekonomiji ta' skala fin-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-UE u b'hekk tiftaħ aktar opportunitajiet għall-parteċipanti fis-suq. IQIS li, fil-kuntest tal-ekosistema usa', il-kwistjoni tal-aħjar skala hija stabbilita mill-forzi tas-suq u soġġetta għar-regoli tas-suq applikabbli.

Infrastrutturi diġitali siguri u reżiljenti għall-Ewropa

38. JIRRIKONOXXI li, fid-dawl tal-importanza dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-qafas legali attwali jinvolve elementi importanti taç-çibersigurtà bħas-sigurtà u r-reżiljenza mid-disinn, biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet taç-çibersigurtà fil-prodotti, is-servizzi u l-proċessi diġitali. JAQBEL li, peress li ħafna kwistjonijiet relatati maç-çibersigurtà huma transfruntiera, is-sigurtà u r-reżiljenza tan-networks diġitali tal-UE huma elementi essenzjali tas-sovranià diġitali b'mod miftuħ tal-Ewropa u s-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet transfruntiera relatati maç-çibersigurtà.

39. JISSOTTOLINJA li l-kriptografija postkwantistika hija essenzjali għall-protezzjoni tal-informazzjoni diġitali tagħna mit-theddida futura tal-kompjuters kwantistiċi; għandha ssir enfasi fuq sforz ikkoordinat fil-livell Ewropew u internazzjonali, li jinvolvi l-aġenziji tal-gvern, il-korpi tal-istandardizzazzjoni, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, ir-riċerkaturi u l-professionisti taċ-ċibersigurtà, għall-iżvilupp ta' standards u l-użu konsistenti tagħhom madwar l-Unjoni sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà. JAGĦRAF l-importanza tal-ħidma mwettqa fi ħdan il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS lejn id-definizzjoni ta' Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni Koordinat għat-tranżizzjoni għall-Kriptografija Postkwantistika (PQC). Barra minn hekk, hija meħtieġa strateġija aktar fit-tul biex tinholq infrastruttura futura sigura, reżiljenti u robusta li tingrana t-teknoloġija kwantistika.

40. JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu żgurati s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini. Filwaqt li jfakkar li s-sigurtà nazzjonali taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis aktar miżuri għall-promozzjoni tas-sigurtà, ir-reżiljenza u l-integrità tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, abbażi tal-ħidma tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, u l-Grupp ta' Esperti informali dwar l-Infrastruttura tal-Kejbils Sottomarini. JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ strateġiku u allokazżjoni effettiva tal-fondi tal-UE, u JISTIEDEN lill-Istati Membri jappoġġaw inizzjattivi tal-infrastruttura kritika tal-kejbils sottomarini fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-finanzjament.